MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2015

Mandat Numru. 2023/2014/1

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 2023/14LM**

**Edmond Mugliette I.D. 661762(M) bħala mandatarju u f'isem id-direttur Blagomir Rubinov Kotsev ta' Marten Shipping Limited**

**vs.**

**Dr. John Gauci Maistre bħala direttur tal-kumpanija Marten Shipping Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ta’ Edmond Mugliette nomine ppreżentat fl-24 ta’ Diċembru, 2014 li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra talab li din il-Qorti toħroġ Mandat ta’ Inibizzjoni sabiex jikkawtela d-drittijiet tiegħu, iżżomm l-intimat milli jlaqqa’ l-extraordinary general meeting tal-kumpannija Marten Shipping Limited li kien msejjaħ għal nhar id-29 ta’ Diċembru 2014, fl-10.00am fl-uffiċċju 147/1, Triq Santa Luċija, Valletta.

Bħala raġunijiet għat-talba tiegħu r-rikorrent isemmi:

*Illi l-esponenti Blagomir Rubinov Kotsev (passport no 382032879) huwa direttur tal-kumpannija Marten Shipping Limited C27390* ***(recte)****;*

*Illi dina l-kumpannija għandha l-ishma kollha li jappartjenu lil Aspen Maritime Investment Inc., li hija kumpannija rreġistrata l-Marshall Islands u l-ishma ta’ din is-socjetà jappartjenu kollha lill-esponenti Blagomir Rubinov Kotsev.*

*Illi l-Qorti tar-Repubbklika tal-Marshall Islands appuntat bħala official receiver tal-kumpannija Aspen Maritime Investment Inc lil Burak Gokce Cavus bil-fakultajiet hekk kif indikati fl-att anness u mmarkat bħala Dok A.*

*Illi f'din il-proċedura fil-Qorti tal-Marshall Islands l-esponenti, bħala l-uniku benefiċjarju u direttur ta' Aspen Maritime Investment Inc lanqas biss kien notifikat sabiex ikun jista' jippreżenta difiża xierqa.*

*Illi diġà ġew preżentati fir-reġistru (tal-Qorti) tal-Marshall Islands 'Motion of Temporary Restraining Order' (Dok B), Motion to set aside Default Judgement (Dok C) u Motion to set aside order appointing receiver and for immediate stay of execution of order appointing receiver (Dok D) sabiex jiġu attakkati l-proċeduri u jiġi mneħħi mill-kariga tiegħu Burak Gokce Cavus;*

*Illi dawn l-atti kollha gew debitament ippreżentati quddiem il-Qorti tar-Repubblika tal-Marshall Islands nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Diċembru elfejn u erbatax (2014) [Dok E].*

*Illi l-imsemmi Burak Gokce Cavus appunta lill-intimat noe Dr. John Gauci Maistre sabiex jirrappreżenta lill-kumpanniji u apparentement jidher li huwa rreġistra ruħu bħala Direttur tal-istess kumpaniji kif ukoll biddel l-indirizz reġistrat tal-kumpannija. L-intimat Gauci Maistre qatt ma kien involut jew b'xi mod ieħor intiż fl-operat tal-kumpanniji u ma għandu ebda involviment ħlief bħala persuna mpoġġija sabiex l-appuntat Burak Gokce Cavus jilħaq l-għanijiet tiegħu għad-detriment tal-veru benefiċjarju tal-kumpannija.*

*Illi barraminnhekk jidher li l-imsemmi intimat Dr. John Gauci Maistre għajjat Extraordinary meeting għall-azzjonisti, liema meeting huwa għal nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Diċembru elfejn u erbatax (2014) fl-għaxra ta' filgħodu (10:00 a.m.) fl-uffiċċju 147/1 St. Lucia Street, Valletta, VLT1185.*

*Illi l-esponenti Blagomir Rubinov Kotsev joġġezzjona li dana l-meeting isir minħabba l-fatt illi tali meeting mhux in konformi mal-liġi stante li l-appuntament tad-direttur Dr. Gauci Maistre ġie appuntat mir-receiver li qiegħed jiġi inibit milli jipproċedi fil-kariga tiegħu minħabba l-applikazzjonijiet li saru quddiem il-Qorti tar-Repubblika tal-Marshall Islands;*

*Illi l-esponenti Blagomir Rubinov Kotsev ser ibati preġudizzju irrimedjabbli jekk dana l-extraordinary meeting ikun fis-seħħ tant hu hekk illi dana l-meeting qiegħed isir biss bl-intendiment da parti ta' Dr. Gauci Maistre noe sabiex ineħħi l-istess esponenti mill-kariga tiegħu.*

*Illi l-esponenti Blagomir Rubinov Kotsev ser ibati preġudizzju irrimedjabbli stante li huwa l-azzjonista tal-kumpannija intimata u għaldaqstant jekk fl-agħar ipotesi jitneħħa minn direttur anke temporanjament huwa jitlef il-kontroll kollu tal-kumpanniji u l-assi tagħhom."*

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta' Diċembru, 2014, li bih laqgħet provviżorjament it-talba tar-rikorrent, ordnat in-notifika lill-intimati b'jumejn żmien għat-Tweġiba u qegħdet ir-Rikors għas-smigħ għad-29 ta' Diċembru, 2014.

Rat id-digriet tagħha tad-29 ta' Diċembru, 2014 u peress li kien għad jonqos in-notifika tar-Rikors lill-intimat, ordnat li ssir in-notifika bil-purtier dakinhar stess qabel l-10.00am u ħalliet ir-Rikors għas-smigħ għas-seduta tal-31 ta' Diċembru, 2014.

Rat it-Tweġiba ta' John Gauci Maistre bħala direttur tal-kumpannija Marten Shipping Limited ippreżentata fit-30 ta' Diċembru 2014, li wieġeb għat-talba tar-rikorrent kif ġej:

*"Illi il-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet u bin-numru premessi għandu jiġi miċħud fost l-oħrajn għas-segwenti raġunijiet:*

*1. Il-mandat huwa ineffikaċi billi ġie intavolat kontra l-persuna żbaljata. Inoltre l-ġudizzju ma huwiex integru billi l-mandat kellu jiġi ppreżentat kontra l-kumpannija Marten Shipping Limited u kontra l-azzjonisti tagħha li ma humiex parti minn dawn il-proċeduri;*

*2. Ir-rikorrent ma għandu ebda dritt prima facie li jistħoqqlu li jiġi kkawtelat bil-preżenti mandat;*

*3. Ir-rikorrent ma huwiex ser isoffri preġudizzju irrimedjabbli jekk isiru l-affarijiet li qiegħed jittanta iżomm milli jsiru bil-mandat preżenti.*

*4. Illi fil-mertu li l-laqgħa straordinarja ssejħet skont il-liġi u skont il-proċedura sanċita fil-Memorandum & Articles of Association tal-kumpannija, kwindi b'mod validu.*

***Il-fatti***

*Ir-rikorrent, li hu direttur iżda mhux azzjonista tal-kumpannija Marten Shipping Limited, ma jridx li l-kumpannija Marten Shipping Limited tneħħih mill-kariga ta' direttur tagħha. Għalhekk huwa intavola il-mandat odjern.*

*L-intimat huwa direttur tal-kumpannija Marten Shipping Limited u ġie maħtur bħala tali mill-azzjonista tal-kumpannija Marten Shipping Limited.*

*Qabel xejn għandu jingħad li l-fatti deskritti mir-rikorrenti ma humiex korretti u jistgħu jiżvijaw il-Qorti. Per eżempju, kuntrarjament għal dak li jingħad fir-rikors promotur, ma huwiex minnu li r-rikorrent nomine huwa azzjonista tal-kumpannija Marten Shipping Limited. Din il-kumpannija fil-fatt tappartjeni interament lil u hija sussidjarja tal-kumpannija Aspen Maritime Investment Inc., kumpannija reġistrata fil-Marshall Islands. L-azzjonista għalhekk hija Aspen Maritime Investment Inc u mhux ir-rikorrent.*

*Huwa ukoll skorrett ir-rikorrent meta jagħti x'jifhem li John Gauci Maistre irreġistra ruħu bħala direttur tal-istess kumpanniji. Fil-fatt John Gauci Maistre ġie maħtur bħala direttur tal-kumpannija Marten Shipping Limited mill-azzjonista tagħha, li aġixxiet skont il-Memorandum & Articles of Association tal-Kumpannija u skont il-liġi. Filfatt l-esponent jeżebixxi kopja ta' "Resolution" tal-Membru uniku tal-kumpannija Marten Shipping Limited permezz ta' liema ħatar lil John Gauci Maistre bħala direttur u rappreżentant legali u ġudizzjarju tal-kumpannija. Ir-riżoluzzjoni ittieħdet wara deċiżjoni tal-Qorti tar-Repubblika tal-Marshall Islands, kopja ta' liema hi hawn annessa mmarkata Dokument A. Fl-istess riżoluzzjoni li kopja tagħha qiegħda titpoġġa quddiem il-Qorti, hemm ordni sabiex jitneħħa r-riċevitur* ***(recte: id-direttur)*** *u l-asserzjoni fir-rikors promotur li "li dan il-meeting qiegħed isir biss bl-intendiment ta' Dr Gauci Maistre (sic) noe sabiex ineħħi l-istess esponenti mill-kariga tiegħu" ma hi xejn ħlief asserzjoni grauwita u malizzjuża intiża biex titfa' dell ikrah fuq l-intimat.*

*Huwa minnu li r-rikorrent ippreżenta rikors quddiem il-Qorti tal-Marshall Islands fejn talab sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni. Sallum il-*

*ħatra tar-riċevitur għadha ma ġietx sospiża u ma hemm l-ebda ordni li tikkontradiċi d-deċiżjoni tat-3 ta' Novembru 2014. Dan apparti l-fatt li s-sospensjoni per se ma tista' qatt ikollha impatt fuq deċiżjonijiet li jkunu ġa ttieħdu u tpoġġew fis-seħħ.*

*Illum għalhekk is-sitwazzjoni fattwali hi li l-azzjonista tal-kumpannija Maltija jaġixxi validament tramite ir-riċevitur li nħatar minn Qorti barranija biex jieħu ħsieb l-assi tal-kumpannija u liema assi jinkludu l-ishma kollha fil-kumpannija Marten Shipping Limited. Effettivament għalhekk is-sitwazzjoni fattwali hi li hemm direttur tal-kumpanija Marten Shipping Limtied li qiegħed jipprova iżomm il-kumpannija Marten Shipping Limited milli tipprova tneħħih mill-kariga ta' direttur.*

***<u>Id-difiża fid-dettal</u>***

***1. Il-mandat huwa ineffikaċi billi ġie intavolat kontra l-persuna żbaljata. Inoltre l-ġudizzju ma huwiex integru billi l-mandat kellu jiġi ppreżentat kontra l-kumpannija Marten Shipping Limited u kontra l-azzjonisti tagħha li ma humiex parti minn dawn il-proċeduri;***

*Fl-ewwel lok huwa ovvju li l-azzjoni għat-tneħħija tad-direttur tispetta lill-kumpannija u lil ħadd ieħor. Dan joħroġ ċar minn qari tal-artikolu 54 tal-Avviż Legali 234.42 (ara kopja mehmuża ma' din ir-risposta). L-artikolu 54(1) filfatt jgħid testwalment li kumpannija għandha s-setgħa li tneħħi direttur f'kull mument permezz ta' riżoluzzjoni li ttieħdet waqt laqgħa ġenerali.*

> *"54. (1) <u>A company</u> may remove a director before the expiration of his period of office by a resolution taken at a general meeting of the company and passed by a member or members having the*

> *right to attend and vote, holding in the aggregate shares entitling the holder or holders thereof to more than fifty per cent of the voting rights attached to shares represented and entitled to vote at the meeting."*

*Ir-rikorrent għażel li jipproċedi biss kontra l-intimat d-direttur John Gauci Maistre. L-intimat ma huwiex il-leġittimu kontradittur tat-talba rikorrenti. Hija il-kumpannija Marten Shipping Limited biss li għandha s-setgħa li tneħħi direttur, liema setgħa tiġi eżerċitata permezz ta' riżoluzzjoni tal-azzjonisti waqt laqgħa ġenerali tal-kumpannija.*

*Mir-rikors odjern huma neqsin bħala intimati kemm il-kumpannija Marten Shipping Limited kif ukoll l-azzjonista tagħha. Għalhekk il-mandat ta' inibizzjoni ma jistax jintlaqa'. Dato ma non concesso li hemm dritt li jimmerita li jiġi kawtelat bil-preżenti proċedura dan id-dritt ma jissarafx f'azzjoni kontra d-direttur l-ieħor. L-azzjoni trid bilfors issir kontra l-azzjonista u kontra l-kumpannija għaliex fin-nuqqas ta' dawn il-persuni il-mandat ikun sar inutilment.*

**2. *Ir-rikorrent ma għandu ebda dritt prima facie li jistħoqqlu li jiġi kkawtelat bil-preżenti mandat;***

*Biex jinħareġ mandat ta' inibizzjoni il-liġi tirrikjedi li jiġu sodisfatti żewġ kriterji oġġettivi kumulattivi. Dawn huma fis-sens li (i) ir-rikorrent irid juri li għandu dritt prima facie (ii) u li l-mandat huwa meħtieġ sabiex id-dritt preċiż jiġi kawtelat.*

*Huwa ċar iżda li r-rikorrent ma għandu ebda dritt li jistħoqqlu kawtela bil-mandat odjern. Huwa paċifiku filfatt li direttur ma jistax iżomm kumpannija li tagħha jkun direttur milli tneħħih mill-kariga tiegħu.*

*Ir-rikorrent qiegħed jaġixxi għan-nom ta' "id-direttur Blagomir Rubinov Kotsev ta' Marten Shipping Limited" u qiegħed jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tinibixxi s-sejħa ta' laqgħa ġenerali f'liema hemm talba għat-tneħħija tad-direttur.*

*Ġie fil-fatt ritenut li*[1]*:*

> *"Il-Qorti ma tifhimx fejn hu l-prima facie dritt vantat mir-rikorrenti qua direttriċi li tibqa' f'din il-kariga nonostante talba għat-tneħħija li f'dan il-każ jidher li saret mill-azzjonisti tramite l-Bord tad-Diretturi biex tissejjaħ laqgħa ġenerali tal-kumpannija għal dan l-iskop. Il-liġi ma tippreskrivi ebda dritt li persuna appuntata direttriċi ma tistax titneħħa skont ma tippermetti l-liġi."*[2]

*Id-deċiżjoni ċitata ġiet segwita f'deċiżjonijiet aktar riċenti. Per eżempju fil-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet* ***Jurgen Döring vs AEE Renewables Limited et***[3] *ġie ritenut għalhekk li:*

> *"Tqis ukoll li l-jedd prima facie jonqos għaliex id-deċiżjoni tat-tneħħija minn direttur hija jedd li l-liġi nnifisha tagħti li kull kumpannija, minbarra li dan huwa jedd stabbilit fl-istatut u l-Memorandum tal-istess AEE; Tqis li, fil-qasam tad-dritt tal-kumpanniji, ma jidhirx li direttur għandu l-jedd li jwaqqaf kumpannija mlaqqa' kif imiss milli tneħħih fil-kariga, ukoll jekk dik it-tneħħija ssir qabel xi żmien mifthiem. Dan jgħodd minkejja kull*

---

[1] Ara Mandat ta' Inibizzjoni Numru 125/2013 fl-ismijiet **Suzanne Busuttil et noe vs. Francis Busuttil & Sons Limited et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Onor. M. Chetcuti) nhar il-31 ta' Jannar, 2013.

[2] Għalkemm din id-deċiżjoni tittratta l-artikolu 140 tal-Att dwar il-kumpanniji, l-esponenti jissottometti li d-diċitura ta' dak l-artikolu hija identika għad-diċitura tal-artikolu 54 tal-Avviż Legali 234.42 u għalhekk id-decide tagħha għandha tapplika *mutatis mutandis.*

[3] Mandat ta' Inibizzjoni Numru 360/2014 deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Onor. J.R. Micallef) fil-21 ta' April, 2014.

*ħaġa li tinstab fl-istatut tal-istess Kumpannija jew ta' xi ftehim li jkun sar bejn il-kumpannija u d-direttur li jkun."*

*Id-deċiżjonijiet ċitati japplikaw perfettament għall-każ odjern. Huwa ċar li r-rikorrent ma għandu ebda jedd prima facie li jista' jiġi tutelat bil-preżenti azzjoni.*

**3. *Ir-rikorrent ma huwiex ser isofri preġudizzju irrimedjabbli jekk isiru l-affarijiet li qiegħed jittanta iżomm milli jsiru bil-mandat preżenti.***

*Il-liġi stess tgħidilna li t-tneħħija ta' direttur hija bla preġudizzju għad-drittijiet ta' dak id-direttur inkluż id-drittijiet li jfittex għad-danni jekk ikun il-każ. Dan ifisser li t-tneħħija ta' direttur ma tista' qatt twassal għal preġudizzju irrimedjabbli. Dan il-ħsieb isib ukoll il-konferma tiegħu fid-deċiżjonijiet ċitati supra fejn fiż-żewġ proċeduri il-mandati ġew rifjutati ukoll għaliex il-preġudizzju ipotizzat ma seta' qatt jkun irrimedjabbli. Ingħad per eżempju li "dwar l-element tal-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat, jonqos ukoll tali rekwiżit f'ċirkostanza bħal din, għaliex persuna li titneħħa mill-kariga ta' direttur f'kumpannija, ukoll jekk hi ukoll tkun azzjonist tal-istess kumpannija, dejjem jifdlilha rimedji effettivi taħt il-liġi biex tikkontesta dik id-deċiżjoni u s-siwi tagħha."*[4]

*Wieħed ma jistax jikkummenta dwar li, fil-kwalsiasi każ, l-istess rikorrent ġia tneħħa minn rappreżentant ġuridiku u legali tal-kumpannija u dan in forza tal-appożita formola li ġiet ippreżentata lir-Reġistratur tal-Kumpanniji. Dan ixejjen l-argument li t-tneħħija tiegħu minn direttur ser timplika t-telf tal-kontroll kollu tal-kumpanniji u l-assi tagħhom.*

[4] Mandat ta' Inibizzjoni 360/2014.

***4. Illi fil-mertu li l-laqgħa straordinarja ssejħet skont il-liġi u skont il-proċedura sanċita fil-Memorandum & Articles of Association tal-kumpannija, kwindi b'mod validu.***

*Fis-sejħa tal-laqgħa ġenerali ġie segwit skrupolożament dak li hemm stabbilit fil-memorandum and articles tal-kumpannija. L-intimat ġie avżat tempestivament u ingħata ż-żmien kollu meħtieġ. Għalhekk ukoll ma jistgħux jissussistu l-estremi ta' din l-azzjoni.*

*Għaldaqstant in vista tas-suespost u filwaqt li jirriserva li jressaq is-sottomissjonijiet u provi kollha meħtieġa l-intimat jissottometti bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad ir-rikors odjern."*

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-31 ta' Diċembru, 2014.

Rat l-atti kollha tar-Rikors.

Rat id-digriet tagħha tal-31 ta' Diċembru, 2014, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment.

**Ikkunsidrat:**

Tqis li r-rikorrent qiegħed jitlob li l-Qorti żżomm milli ssir laqgħa ġenerali straordinarja tal-kumpannija Marten Shipping Limited (aktar 'il quddiem imsejjħa "Marten") msejħa għad-29 ta' Diċembru 2014 fl-10.00am, fl-uffiċċju reġistrat tal-kumpannija 147/1, Triq Santa Luċija, Valletta.

Tqis li Marten hija kumpannija reġistrata f'Malta bħala kumpannija privata b'responsabbiltà limitata, bl-uffiċċju reġistrat tagħha f'147/1, Triq Santa Luċija, Valletta, Malta.

Tqis li l-ishma kollha fi Marten jappartjenu lill-kumpannija Aspen Maritime Investment Inc., li hija kumpannija reġistrata fir-Repubblika tal-Marshall Islands.

Tqis illi l-kumpannija Aspen Maritime Investment Inc., l-unika azzjonista ta' Marten, mit-3 ta' Novembru 2014[5] bdiet taġixxi permezz ta' receiver maħtur mill-qorti kompetenti tar-Repubblika tal-Marshall Islands, fejn fil-fatt hija reġistrata l-istess kumpannija Aspen Maritime Investment Inc.

Tqis illi b'riżoluzzjoni tat-3 ta' Diċembru 2014 iffirmata mir-receiver ta' Aspen Maritime Investment Inc., l-unika azzjonista ta' Marten, Blagomir Rubinov Kotsev tneħħa minn rappreżentant legali u ġudizzjarju tal-istess kumpannija u ġie maħtur minfloku l-intimat John Gauci Maistre.

[5] A fol. 7.

Tqis li għalkemm ir-rikorrent nomine fir-rikors tiegħu jagħti x'jifhem illi r-receiver "qiegħed jiġi inibit milli jipproċedi fil-kariga tiegħu minħabba l-applikazzjonijiet li saru quddiem il-Qorti tar-Repubblika tal-Marshall Islands", sa issa dan ir-receiver bla ebda mod ma ġie inibit jew miżmum imqar provvizorjament mill-qorti kompetenti fil-Marshall Islands li ħatritu, milli jkompli fl-inkarigu tiegħu bħala receiver.

Tqis ukoll li għalkemm fit-22 ta' Diċembru 2014 Blagomir Rubinov Kotsev ippreżenta 'motion for temporary restraining order' quddiem il-High Court tar-Repubblika tal-Marshall Islands[6] sabiex ir-receiver ta' Aspen Maritime Investment Inc. u d-direttur maħtur minnu tal-kumpannija Marten, jiġu miżmuma milli jlaqqgħu extraordinary shareholder meeting bl-iskop li jiġi mneħħi Blagomir Rubinov Kotsev minn direttur ta' Marten, fid-29 ta' Diċembru 2014 jew f'xi data oħra, sakemm dik il-qorti tagħti deċiżjoni dwar il-"Motion to Set Aside Default Judgement and Motion to Set Aside Order Appointing Receiver filed 22nd December 2014", il-qorti kompetenti fir-Repubblika tal-Marshall Islands baqgħet ma ħarġet l-ebda temporary restraining order fir-rigward tar-receiver ta' Aspen Maritime Investment Inc.

Tqis li r-rikorrent nomine jibbaża t-talba tiegħu għall-ħruġ tal-Mandat fuq l-argument li ser ibati preġudizzju irrimedjabbli peress li "jekk fl-agħar ipotesi jitneħħa minn direttur, anke temporanjament huwa jitlef il-kontroll kollu tal-kumpannija u l-assi tagħha".

---

6 A fol. 11-15.

Tqis li r-rikorrent nomine effettivament diġà tilef il-kontroll fil-kumpannija Marten u fuq l-assi tagħha bil-ħatra ta' receiver għall-kumpannija Aspen Maritime Investment Inc. mill-qorti kompetenti tar-Repubblika tal-Marshall Islands, l-uniku azzjonista tal-kumpannija Marten u bil-ħatra li saret mill-istess receiver tal-intimat John Gauci Maistre bħala rappreżentant legali u ġudizzjarju tal-kumpannija Marten.

Tqis li r-rikorrent nomine m'għandu ebda dritt fil-liġi li jista' jinvoka biex ma jkunx jista' jitneħħa, kif inhu stipulat fil-liġi, minn direttur tal-kumpannija

> *"Il-liġi ma tippreskrivi ebda dritt li persuna appuntata direttriċi ma tistax titneħħa skont ma tippermetti l-liġi. L-artikolu 140 tal-Kap. 386 jagħti d-dritt lill-azzjonisti ta' kull soċjetà li b'riżoluzzjoni ta' aktar minn 50 fil-mija jneħħu direttur f'kull mument anki qabel it-tmien tal-'period of office' tiegħu, u dan nonostante dak li jista' jippreskrivi l-memorandum and articles tal-kumpannija u kull ftehim bejn id-direttur u l-istess kumpannija. Jekk ovvjament id-direttur qed jitneħħa u fil-fatt jitneħħa għar-raġunijiet mhux leġittimi, għandu r-rimedju għad-danni, u jekk hu azzjonist, bħal f'dan il-każ, għandu r-rimedju li tagħtih il-liġi tal-kumpanniji".*[7]

Tqis li d-diċitura tal-artikolu 54 tal-Avviż Legali 234.42 tal-Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) Regulations dwar "removal of directors and casual vacancies" hija identika għad-diċitura tal-Artikolu 140 tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386) dwar "Tneħħija ta' diretturi u vakanzi każwali", u għalhekk id-decide tas-sentenza fl-ismijiet **Suzanne Busuttil et noe**

[7] Mandat ta' Inibizzjoni Numru 125/2013 fl-ismijiet **Suzanne Busuttil et noe vs. Francis Busuttil & Sons Limited et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Onor. M. Chetcuti) nhar il-31 ta' Jannar, 2013.

**vs. Francis Busuttil & Sons Limited et**, tapplika *mutatis mutandis* għaċ-ċirkostanzi ta' din il-kawża.

Tqis, li b'mod ġenerali, l-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.[8]

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn *(prima facie)* dawk il-jeddijiet.[9]

Huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza tagħna li l-unika eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan ir-rigward huwa dak biss ta' *'prima facie',* u dan għaliex il-mertu veru u proprju jiġi nvestigat fil-kawża nnifisha bejn il-partijiet.[10] Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant.[11] Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix.

[8] Artikolu 873(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
[9] Artikolu 873(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
[10] Ara f'dan is-sens **Emmanuel Sammut vs. Josephine Sammut** " P.A.(TM) - 5.06.2003.
[11] Ara f'dan is-sens **Grech pro et noe vs Manfrè** App.Ċiv. 14.7.1988 (Kollez. Vol: LXXII.ii.290).

Tqis li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[12]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' ir-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħarġet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[13]

Tqis li l-jedd *prima facie* pretiż mir-rikorrent f'dawn il-proċeduri  ma jirriżultax għaliex id-deċiżjoni tat-tneħħija minn direttur hija dritt li l-liġi nnifisha tagħti lil kull kumpannija[14], minbarra li dan huwa dritt stipulat fil- *Memorandum & Articles of Association* tal-istess kumpannija Marten. Skont ir-Regolamenti dwar Bastimenti Merkantili (Organizzazzjonijiet ta' Bastimenti – Kumpanniji Privati)[15], direttur m'għandux id-dritt li jwaqqaf kumpannija mlaqqa' kif suppost milli tneħħih mill-kariga, wkoll jekk din it-tneħħija ssir qabel xi żmien miftiehem.

Tqis barraminnhekk li r-rikorrent m'għandux lanqas xi dritt *prima facie* li jżomm lir-receiver tal-kumpannija Aspen Maritime Investment Inc., maħtur mill-qorti kompetenti fir-Repubblika tal-Marshall Islands milli jkompli jaġixxi għan-nom u

---

[12] Ara **Anġelo Xuereb vs Marin Ħili** Kumm. 22.9.1994**.**
[13] Ara Mandat ta' Inibizzjoni Numru 360/2014 deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Onor. J.R. Micallef) fil-21 ta' April, 2014.
[14] Regolament 54 tal-Avviż Legali 234.42.
[15] Regolament 54 tal-Avviż Legali 234.42.

fl-interess tal-istess kumpannija bħala l-unika azzjonista tal-kumpannija Marten, tenut kont tal-fatt li r-receiver tal-kumpannija Aspen Maritime Investment Inc. ma ġiex miżmum milli jagħmel dan mill-qrati tar-Repubblika tal-Marshall Islands imqar b'mod provviżorju sakemm jinqatgħu fil-mertu r-rikorsi ta' Blagomir Rubinov Kotsev quddiem il-qorti kompetenti fir-Repubblika tal-Marshall Islands, fosthom sabiex tiġi annullata l-ħatra ta' Burak Gokce Cavus bħala receiver tal-kumpannija Aspen Maritime Investment Inc.

Tqis li l-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni jintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li dwarha jilmenta min jitlob il-ħruġ tal-mandat tkun tali li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat.[16]

Tqis li r-Regolament 54(5) tal-Avviż Legali 234.42[17], li jeżisti biss fil-verżjoni bl-ilsien Ingliż, jipprovdi lil direttur li jitneħħa għal raġunijiet mhux leġittimi bir-rimedju tal-kumpens jew tad-danni u għalhekk ir-rikorrent ma jistax isostni li se jsofri ħsara li altrimenti ma tistax tissewwa mod ieħor.

Tqis fl-aħħarnett li r-Rikors promotur bil-mod kif ġie mfassal, huwa proċeduralment skorett għax il-mandat kellu jiġi ppreżentat ukoll kontra l-

[16] Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **Victor Borg Grech vs Joseph Gasan et noe** – P.A. AM 02.01.1993).
[17] *"Nothing in this regulation shall be taken as - (a) depriving a person removed hereunder of compensation or damages payable to him in respect of the termination of his appointment as director....".*

kumpannija Marten Shipping Limited u kontra l-azzjonisti tagħha sabiex il-ġudizzju jkun integru.

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:**

**Tiċħad it-talbiet tar-rikorrent nomine għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u dan billi ma jirriżultawx ir-rekwiżiti meħtieġa għall-ħruġ tiegħu, u tħassar *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-24 ta' Diċembru, 2014, safejn kienet laqgħet it-talba b'mod provviżorju.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------